# Il-proġett ta' BirdLife Malta dwar l-għasafar tal-baħar jidħol f'fażi importanti għall-konservazzjoni tal-Garnija

## Imniedi l-video uffiċjali tal-proġett LIFE Arċipelagu Garnija fil-bidu ta' din il-fażi ġdida

Il-proġett LIFE Arċipelagu Garnija ta' BirdLife Malta issa daħal fit-tielet sena tiegħu u b'hekk bdiet fażi ġdida ta' miżuri ta' konservazzjoni li għandhom il-għan li jindirizzaw il-perikli li qed tiffaċċja l-popolazzjoni tal-Garnija (Yelkouan Shearwater) fil-Gżejjer Maltin.

L-ewwel fażi tal-proġett ġiet fi tmiemha fi tmiem l-2017 u matulha ġew analizzati u assessjati l-popolazzjonijiet tal-Garnija madwar Malta u Għawdex u l-isfidi li dawn qed jiffaċċjaw. Il-perikli prinċipali li ġew identifikati fil-kolonji fejn ibejtu dawn l-għasafar tal-baħar matul din il-fażi inizjali ta' studju kienu l-predazzjoni mill-firien, it-tniġġis mid-dawl li jkun ġej minn zoni żviluppati, l-iskart li jitħalla f'dawn is-siti mill-pubbliku u t-tfixkil mid-dgħajjes.

Ibbażat fuq it-tagħrif miġbur tul l-ewwel snin tal-proġett, issa t-tim tal-proġett se jkun qed jimplimenta numru ta' azzjonijiet ta' konservazzjoni biex jitnaqqsu dawn ir-riskji, fosthom programm ta' kontroll tal-firien fil-kolonji ta' dawn l-għasafar bil-mira li jinħoloq ambjent sikur għal nofs il-popolazzjoni tal-Garnija f'Malta u b'hekk tittejjeb ir-rata ta' suċċess tar-riproduzzjoni ta' dawn l-għasafar.

Il-proġett qed jaħdem ma' msieħba lokali u mal-pubbliku biex inaqqas l-iskart li jitħalla qrib il-kolonji, b'mod partikolari fl-Irdum tal-Madonna u Kemmuna. Popolazzjonijiet kbar ta' firien jagħmlu festa fuq iż-żibel li jitħalla minn dawk li jikkampjaw fl-Aħrax tal-Mellieħa u minn dawk li jżuru l-Blue Lagoon u dawn, imbagħad, jispiċċaw jieklu l-bajd tal-Garni u l-frieħ tagħhom. Fid-dawl ta' dan, il-proġett qed jappella lil dawk li jżuru dawn il-postijiet biex jiġbru l-iskart tagħhom u jarmuh fil-kontenituri pprovduti apposta jew, aħjar minn hekk, jeħduh magħhom lura d-dar jew lura lejn il-port minn fejn ikunu telqu biex imorru Kemmuna.

Il-proġett LIFE Arċipelagu Garnija hu inizjattiva ffinanzjata mill-UE bl-imsieħba BLM, TM u RSPB. Il-proġett hu kofinanzjat 60% minn fondi tal-programm LIFE tal-UE, 25% mill-Gvern Malti, 10% minn BLM u 5% mill-RSPB

BirdLife Malta qed taħdem ukoll ma' Transport Malta biex jonqos it-tfixkil mid-dgħajjes li jorganizzaw vjaġġi qrib il-kolonji fejn ibejtu dawn l-għasafar fl-irdumijiet u ħafna drabi jidħlu fl-għerien tal-baħar b'mużika għolja u dawl qawwi. Dan qed isir billi qed titqajjem kuxjenza fost l-operaturi tad-dgħajjes. Il-proġett analizza wkoll – u issa se jibda jindirizza – l-isfida tat-tniġġis tad-dawl mill-art, l-aktar minn inħawi żviluppati bħal San Pawl il-Baħar, u anke it-tniġġis tad-dawl minn fuq il-baħar li joriġina mill-*bunkering* tal-vapuri, speċjalment dawk li jkunu qed jagħmlu *refuelling* quddiem il-kolonji tal-Garnija.

Għan ewlieni tal-proġett hu li jżid il-kuxjenza fost kull min iżur siti bħal dawn, u fost il-pubbliku Malti inġenerali dwar dan l-għasfur tal-baħar li huwa speċi unika u meraviljuża. Il-pubbliku issa jista' anke jsegwi ċ-ċiklu sħiħ tal-bejta ta' par Garni u l-ferħ tagħhom tul l-istaġun kollu billi jsegwi l-aġġornamenti regolari permezz tal-filmati li qed intellgħu online bħala parti mill-kampanja #NestWatch hawnhekk.

Biex tiċċelebra l-bidu tal-fażi l-ġdida tal-proġett, BirdLife Malta llum qed tniedi l-*video* uffiċjali tal-proġett LIFE Arċipelagu Garnija li jelenka l-ħidma kollha li qed jagħmel it-tim biex itejjeb l-istatus tal-konservazzjoni tal-Garnija f'Malta. Tista' tara dan il-*video* fuq il-YouTube ta' BirdLife Malta hawnhekk u anke fuq is-sit elettroniku u l-paġna ta' Facebook ta' LIFE Arċipelagu Garnija. Il-*video* qed jintwera wkoll fuq l-istazzjonijiet televiżivi lokali.

**TMIEM**

**Għal aktar informazzjoni, ikkuntattja lil:**
Nathaniel Attard
BirdLife Malta Communications Manager
Tel: 2134 7645/6 Ext. 512
Cell: 9947 4705
Email: nathaniel.attard@birdlifemalta.org

Il-proġett LIFE Arċipelagu Garnija hu inizjattiva ffinanzjata mill-UE bl-imsieħba BLM, TM u RSPB. Il-proġett hu kofinanzjat 60% minn fondi tal-programm LIFE tal-UE, 25% mill-Gvern Malti, 10% minn BLM u 5% mill-RSPB

**Nota lill-edituri:**

- **Il-proġett LIFE Arċipelagu Garnija ta' BirdLife Malta**
  Il-proġett LIFE Arċipelagu Garnija qed jaħdem biex jagħmel mill-Gżejjer Maltin santwarju protett għall-Garnija billi jindirizza l-ħafna perikli li din l-ispeċi qed tiffaċċja f'Malta. Dan jinkludi l-kontroll tal-popolazzjonijiet intensivi ta' firien madwar il-kolonji fejn ibejtu dawn l-għasafar tal-baħar u t-tnaqqis tat-tfixkil minn attivitajiet tal-baħar u tniġġis mid-dawl kif ukoll qed iqajjem kuxjenza dwar il-Garni fost il-pubbliku Malti u t-turisti.
- **Il-Garnija**
  Il-Garnija (Yelkouan Shearwater) hija għasfur tal-baħar ta' daqs medju li jittajjar b'qadfiet mgħaġġlin u jħuf baxx mal-mewġ. Tul l-istaġun meta jkun qed ibejjet, bejn Frar u Lulju, dan it-tajr jista' jintlemaħ jistrieħ fuq il-baħar f'waħdiet jew fi qtajja' żgħar. Hu stmat li f'Malta għandna bejn 1,600 u 1,800 par minn dawn l-għasafar li jfisser bejn wieħed u ieħor 10% tal-popolazzjoni dinjij tal-Garnija. In-numru f'Malta naqas fis-snin riċenti, l-aktar minħabba l-problema tal-qtil tal-għasafar mill-firien, it-tnaqqis tal-ħabitat fejn ibejjet dan l-għasfur, il-kaċċa illegali, u t-tfixkil u tniġġis mid-dawl u l-ħsejjes. L-IUCN tikklassifika lill-Garnija bħala 'vulnerabbli'.

**Ħoloq utli:**

- Il-proġett LIFE Arċipelagu Garnija ta' BirdLife Malta:
  http://birdlifemalta.org/arcipelagugarnija
  https://www.facebook.com/arcipelagugarnija
- Segwi dak li qed jiġri fil-bejtiet tal-Garni dirett mill-irdumijiet permezz ta' #NestWatch:
  https://www.youtube.com/playlist?list=PLPsgxrjyvsxYvOVcJJnGGidpPUyqYB-H9

**Niżżel il-filmat minn hawn: https://youtu.be/R_Z89Hx-Elw**

- Il-video uffiċjali tal-proġett LIFE Arċipelagu Garnija li tnieda llum (Verżjoni MLT) (Filmati ta' BirdLife Malta, muntaġġ ta' Veerle van Werde u Kinga Kupska)

**Niżżel ir-ritratti minn hawn: https://we.tl/VEA9qjDrQY**

- Ħidma ta' kontroll tal-firien fl-Irdum tal-Madonna (Ritratt ta' Paulo Lago
- Abseiling fl-Irdum tal-Madonna (Ritratt ta' JuanSa Santiago)
- L-Irdum tal-Madonna (Ritratt ta' Paulo Lago)
- Garnija (Ritratt ta' Ben Metzger)
- Garni fuq Selmunett (Ritratt ta' BirdLife Malta)

Il-proġett LIFE Arċipelagu Garnija hu inizjattiva ffinanzjata mill-UE bl-imsieħba BLM, TM u RSPB. Il-proġett hu kofinanzjat 60% minn fondi tal-programm LIFE tal-UE, 25% mill-Gvern Malti, 10% minn BLM u 5% mill-RSPB